VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,020, 18 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 30 tal-2013

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)

Regolamenti tal-2013 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali għall-iskopijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Att dwar Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali għall-iskopijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Att dwar Kunsilli Lokali.

Proċessar ta' *data* personali u *data* personali sensittiva. Kap. 354. Kap. 363.

2. *Data* personali, li tinkludi *data* personali sensittiva li l-ipproċessar tagħha hu previst fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u fl-Att dwar Kunsilli Lokali, tista' tiġi proċessata minn kull persuna li tkun intitolata tipproċessa dik id-*data* għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-imsemmija Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u Att dwar Kunsilli Lokali.